MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Numru. 28/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Christian Rudiger Lauffer**
**Bianca Neurohr Geb. Loffelsender**

Numru: 28/2012

Illum 8 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Christian Rudiger Lauffer**, ta' erbghin (40) sena, iben Rudiger u Monika neé Zerbe, imwieled Cologne, Germanja, fid-9 ta' Lulju 1971, residenti Villa Wied Florina, Flat 6, Triq il-Kantra, Xlendi, limiti tal-Munxar, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-Numru 60910(A)

u

**Bianca Neurohr Geb. Loffelsender***,* ta' tlieta u erbghin (43) sena, imwielda il-Germanja, fit-30 ta' Lulju 1968, residenti Villa Wied Florina, Flat 6, Triq il-Kantra, Xlendi, limiti tal-Munxar, Ghawdex u detentrici tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-Numru 61017(A)

akkuzati talli:

1. bejn is-26 u s-27 ta' Ottubru 2010, gewwa l-Gzira ta' Ghawdex, b'mezzi kontra l-ligi billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu jitwemmnu l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh bi hsara ghal haddiehor, ghad-dannu ta' Carmela Buttigieg (ID Nru. 28771G) u/jew persuni u/jew kumpaniji ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 100) datata 4 ta' April 2013 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 308, 309, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(b) Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 122 *et seq.*), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' April 2013, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Rat in-Nota ta' Carmela Buttigieg u tal-kumpanija Frank Salt Real Estate Limited pprezentata fl-4 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 95) fejn inghad is-segwenti:

> "Li permezz taghha qed jirtiraw il-kwerela li kienet saret fil-konfront ta' Bianca Nuerhor [Neurhor] in vista tax-xhieda moghtija mill-Ispettur Frank Tabone fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2013, u qed jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront taghha, filwaqt li jzommu ferm il-kwerela li kienet saret fil-konfront tal-imputat l-iehor Christian Rudiger".

Semghet lill-imputat Christian Rudiger Lauffer jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat li l-imputata Bianca Neurohr Geb. Loffelsender ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet is-sottomissjonijiet finali da parti tal-*parte civile* u tad-difiza (*a fol.* 144 *et seq.*).

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaderixxi ma' dak li ssottometta l-konsulent legali tal-*parte civile* (*a fol.* 143).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012, xehed **PS 1233 John Attard** (*a fol.* 20 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JA 1" (*a fol.* 23 *et seq.*), liema rapport sar in segwitu ta' kwerela. Jghid li huwa kellem biss lill-parti leza Carmela Buttigieg.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012, xehdet ukoll **Carmela Buttigieg** (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn qalet li hija taf lill-imputati ghax kienu gew avvicinati minn ta' Frank Salt biex joqghodu fl-appartament taghha li jinsab fir-Rabat. Tghid li certu Charles Attard ta' Frank Salt ikkomunika maghha dwar kiri ta' appartament u li sar ftehim bil-miktub fis-27 ta' Ottubru u li dak il-hin l-imputat hallas ammont *cash* peress li riedu jaghtu *commission* lill-agenzija. Tispjega li d-depozitu tal-ewwel xahar tal-kirja gie

moghti lil Frank Salt u li l-ftehim sar fuq sena. Tixhed li meta Charles Attard talab depozitu *cash* ghal xi spejjez jew kontijiet li setghu jhallu, l-imputat qallu li ma kellux *cash* peress li ma kienx ghadu fetah ktieb tal-bank f'Malta. Ezebiet il-kuntratt li gie mmarkat bhala Dok. "CB 1" (*a fol.* 35 *et seq.*). Tghid li thallas d-depozitu b'cekk u li l-imputat emfasizza biex dan ic-cekk ma jissarrafx peress li meta kien ser jiftah kont ma' bank Malta, kif igib il-flus *cash*, huma jaghtuh ic-cekk lura u hu jaghtihom l-*cash*. Ezebiet kopja tac-cekk li gie mmarkat bhala Dok. "CB 2" (*a fol.* 43 *et seq.*). Tghid li l-imputati dahlu fl-appartament u x'hin kien imiss it-tieni xahar, kienet staqsiet lill-imputat jekk kienx gab *cash* u hu kien qalilha li ma kienx ghadu fetah kont ghax mal-Bank of Valletta ma setghax jirranga u li kien ser imur ghand l-HSBC. Tispjega li malli wasal l-ewwel kont tad-dawl, kienet talbet il-flus lill-imputat u kull darba kien jghidilha biex tnizzilhom mal-lista, u l-flus ma waslu qatt. Tghid li l-imputat talabha tistaportih peress li kien bi hsiebu jiftah hanut. Tispjega li meta rat li l-flus ma waslu qatt, iddecidiet tghid lil Charles Attard sabiex isarraf ic-cekk peress li rat li l-imputat beda jghaddieha biz-zmien. Tghid li wara xi zmien, f'Jannar 2011, Charles Attard kien qalilha li c-cekk gie lura *"Bank Account Closed"* u li Attard qalilha biex taqbad u tkecci lill-imputati mill-appartament u *di fatti* hekk ghamlet. Tghid li kull ma kien hallasha l-imputat kien xi €30.00 ghal cilindru tal-gass u xi haga ohra. Tghid ukoll li kellha thallas ic-*charges* tac-cekk li bbawnsja li kienu jammontaw madwar €28.00.

In <u>kontro-ezami</u> tikkonferma li wara li bdiet tissikka lill-imputat biex ihallas u hi kienet qaltlu li kienet ser issarraf ic-cekk, hu kien qalilha li ma kien hemm l-ebda problema peress li kien hemm flus fil-bank u li setghet tmur. Tghid li c-cekk baqa' fil-pussess ta' Frank Salt u kien pagabbli lill-istess Frank Salt. Tghid li ma tafx jekk ta' Frank Salt ikkonfermawx mal-imputat li setgha jissarraf ic-cekk.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **Mario Camilleri** (*Branch Manager* – HSBC – Rabat, Ghawdex – *a fol.* 45 *et seq.*) fejn wara li gie muri c-cekk mmarkat bhala Dok. "CB 2" (*a fol.* 43) qal li kien gie mitlub mill-Ufficjal Prosekutur sabiex jaghti xi informazzjoni rigward ic-cekk u jghid li huwa wiegbu permezz ta' ittra li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 47) minn liema jirrizulta li ma kellu ebda informazzjoni *stante* li c-cekk ma kienx tal-HSBC Bank Malta plc.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012, xehdet **Marì Grech** (*Manager* tal-Frank Salt Real Estate Limited f'Ghawdex – *a fol.* 54 *et seq.*) fejn qalet li l-ewwel darba li ltaqghet mal-imputat kien meta ppruvaw isolvu l-kwistjoni li kienet inqalghet meta l-parti leza Buttigieg kienet giet moghtija cekk u liema cekk gie mibghut lura ghax il-kont kien maghluq. Tghid li jekk tifakar sew l-imputat ma kienx jaf ghaliex il-kont kien maghluq. Mistoqsija tghid x'kienet ir-raguni ghala c-cekk kien indirizzat lil Frank Salt, tghid li l-bicca l-kbira jkunu ndirizzati hekk u huma jghadduhom lis-sidien.

In <u>kontro-ezami</u> kkonfermat li n-negozju sar direttament ma' Charles Attard. Tghid li ma kienitx prezenti la meta gie ffirmat il-kuntratt u lanqas meta saru d-diskussjonijiet jew inghataw struzzjonijiet mill-imputat dwar ic-cekk. Tghid li ma tiftakarx jekk l-imputata kienitx prezenti meta hi (Grech) ltaqghet mal-imputat u anqas taf jekk l-imputata kienetx prezenti meta gie ffirmat il-kuntratt. Tghid li mal-imputat iltaqghet darba.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012, xehed ukoll **Charles Attard** (*a fol.* 62 *et seq.*) fejn qal li kien jahdem ma' Frank Salt Real Estate Limited u wara li gie muri kuntratt immarkat bhala Dok. "CB 2" (*a fol.* 35 *et seq.*) qal li dan huwa l-kuntratt rigward il-kera ta' appartament tal-parti leza Buttigieg mal-imputat. Jghid li l-imputata kienet prezenti meta sar il-kuntratt. Jghid li dakinhar li sar il-kuntratt, l-imputat kien halla cekk bhala depozitu li aktar tard kellu jitbiddel f'*cash* ghax ried jiftah kont bankarju Malta. Jghid li dawn il-*cash* ma waslux. Jispjega li hu kien jikkomunika ta' sikwit mal-imputat u li l-imputat kien iwiegbu li kien ser imur dalwaqt. Jghid li meta ghadda zmien, kien qal lill-imputat li c-cekk li kien tahom kien ser ikollhom isarrfuh u qallu "OK". Jghid li wara ftit taz-zmien, dan ic-cekk gie lura peress li l-kont bankarju kien maghluq. Ikkonferma li c-cekk huwa d-dokument li jinsab *a fol.* 19[1]. Jghid li dan ic-cekk gie mghoddi mill-imputat. Jixhed li wara li c-cekk rega' gie lura, ghamel kuntatt mal-imputat li kien weghdu li kien ser ihallas u li dan il-hlas baqa' ma sarx.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li l-imputati kienu offrew li jhallsu €30.00 fil-gimgha milli jipprezentaw cekk pero qal li din il-proposta saret xhur wara. Mistoqsi jghid jekk sakemm dam jahdem hu ma' Frank Salt (cioé sa madwar Marzu/April 2011) kienux ghaddew pagamenti ta' €30.00 fil-gimgha, wiegeb: *"Le. No, jekk ghaddiet xi wahda, imma. No"* (*a fol.* 66). Jghid li meta gie rilaxxat ic-cekk minghand l-imputat, peress li l-imputat ma kellux flus fuqu, biex ikollhom xi haga f'idejhom qalulu jhallilhom cekk. Jghid li l-imputat ma kienx tahom struzzjonijiet biex ma jsarrfux ic-cekk. Jghid li l-istruzzjoni kienet li ser ibiddlu f'*cash*. Mistoqsi jghid x'kienet ir-raguni ghala hass il-htiega li jinforma lill-imputat li kien se isarraf ic-cekk, wiegeb li fl-ahhar mill-ahhar kienu ftehmu fuq *cash*.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013, xehed **Tonio Mallia** (*Branch Manager* – HSBC – Qormi – *a fol.* 74 *et seq.*) fejn wara li gie muri c-cekk mmarkat bhala Dok. "CB 2" (*a fol.* 43), ikkonferma li c-cekk gie ritornat lura *unpaid* ghaliex il-kont kien maghluq. Mistoqsi jghid meta nghalaq il-kont, jghid li ma jiccekkawjx din it-tip ta' informazzjoni.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma jafx minn min, meta u ghalfejn inghalaq il-kont bankarju.

In <u>ri-ezami</u> ezebixxa korrispondenza elettronika li ghaddiet bejn il-banek HSBC dwar ic-cekk in kwistjoni, liema korrispondenza giet immarkata bhala Dok. "TM 1" (*a fol.* 79 *et seq.*).

**Tonio Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 113 *et seq.*) fejn qal li kont bankarju in kwistjoni gie maghluq fl-4 ta' Novembru 2008. Jghid li l-kont kien intestat f'isem "Indotco Incorporated". Ezebixxa dokumenti in sostenn ta' dak li xehed li gew immarkati bhala Dok. "TM 2" (*a fol.* 116 *et seq.*).

[1] Dan huwa l-istess dokument bhal Dok. "CB 2" (*a fol.* 43).

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk meta sar kuntatt mal-bank ta’ barra jekk intqalx lilhom x’inhi r-raguni u fuq ordni ta’ min inghalaq il-kont, wiegeb fin-negattiv ghax ma talbux dawn id-dettalji. Kull ma talbu d-data ta’ meta nghalaq il-kont.

Illi, fis-seduta tal-20 ta’ Frar 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i **Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 85 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu tar-rapport li ghamlet il-parti leza Buttigieg. Ikkonferma l-kwerela li tinsab ezebiet *a fol.* 16 *et seq.* in segwitu ta’ liema baghat ghaz-zewg imputati li rrilaxxaw stqarrija kull wiehed. Ezebixxa numru ta’ dokumenti li gew immarkati bhala Dok. “FT 1” sa “FT 4” (*a fol.* 88 *et seq.*).

Fuq domandi li saru lill-iSpettur Frank A. Tabone mill-konsulent legali tal-parti leza Buttigieg, liema domandi saru fis-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2013 (*a fol.* 124 *et seq.*) l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma li waqt li kienet qed tittiehed l-istqarrija tal-imputat, l-imputat kien qallu li c-cekk in kwistjoni kien hargu hu u li l-imputata ma kellhiex x’taqsam mieghu. Jghid li minn naha tieghu ma setghax jikkonkludi ghalfejn ic-cekk ma ssarrafx u li l-imputat ma tahx spjegazzjoni ta’ meta nghalaq il-kont bankarju.

Illi, fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2013, xehed **Patrick Farrugia** (*Senior Officer* – HSBC – *a fol.* 119 *et seq.*) fejn wara li gie muri d-dokumenti *a fol.* 43 u 44 qal li l-firma li tidher fuq dokument *a fol.* 43 hija dik ta’ Angelo Buttigieg li m’ghadux jahdem maghhom u li l-firma li tidher fuq dokument *a fol.* 44 hija tieghu (ta’ Patrick Farrugia).

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk jafx minn min inghalaq il-kont in kwistjoni u ghalfejn inghalaq, jghid li ma jafx. Jghid li kull ma talab hija informazzjoni dwar meta nghalaq il-kont.

In ri-ezami kkonferma li d-dokument mmarkat bhala “TM 2” (*a fol.* 116 *et seq.*) hija t-twegiba li rcieva mill-bank.

Illi, fis-seduta tas-26 ta’ Frar 2014, xehed l-imputat **Christian Rudiger Lauffer** (*a fol.* 128 *et seq.*) fejn qal li huma krew appartament minn ghand il-parti leza Buttigieg fis-26 ta’ Ottubru 2010 u li fis-27 ta’ Ottubru marru ghand Charles Attard ta’ Frank Salt biex jiffirmaw il-kuntratt. Jghid li fil-gurnata li gie ffirmat il-kuntratt hallsu €280.00 f’*cash* ghall-ewwel kirja u c-*charges* ta’ Frank Salt li kienu jammontaw ghall €175.00, jekk jiftakar sew. Jghid li kellhom ihallsu depozitu rigward xi hsarat lil Frank Salt f’kaz li meta johorgu mill-post ikun hemm xi hsarat u li ma sar hlas ta’ l-ebda depozitu. Jghid li sar cekk ta’ Wachovia Bank lil Frank Salt Limited minn cekk *book* li ma kienx f’ismu pero

f'isem ta' kumpanija li huwa direttur taghha, liema kumpanija tinsab fi Florida, l-iStati Uniti tal-Amerika. Jghid li peress li ghal bidu ma kellux bizzejjed *cash*, staqsa jekk hux possibli li jinhareg cekk ghall-hsarat u li gie nfurmat li ma kienx hemm problema. Jghid li kien hemm qbil, kemm minn Charles Attard u kif ukoll mill-parti leza Buttigieg, li qabel ma jigi msarraf ic-cekk isir it-*transfer* tal-flus mill-kont fl-Istati Uniti lil Bank of Valletta. Jispjega li kien hemm qbil li qabel jigi ddepozitat ic-cekk biex jigi msarraf, hu (l-imputat) jigi mistoqsi jekk kienx kollox sew. Jghid li kellu jistenna sakemm jiftah kont bankarju mal-Bank of Valletta u li pprova jaghmel kuntatt mal-bank tieghu fl-Amerika pero ma kellux cans. Jghid li anqas *internet* ma kellhom. Jispjega li darba minnhom il-parti leza Buttigieg marret u qaltlu li c-cekk kien bbownsja. Jghid li hadd ma kien qallu li c-cekk kien ser jigi depozitat biex jissarraf. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi hsarat fl-appartament, wiegeb fin-negattiv. Jghid li wara qalulu li c-cekk kien gie msarraf minhabba li l-parti leza Buttigieg riedet li tithallas tal-kirja ta' xahar li kien hemm pendenti. Mistoqsi jghid ghala c-cekk ibbownsja, wiegeb ghax il-kont bankarju kien inghalaq u meta gie mistoqsi ghala dan inghalaq, wiegeb li ma jafx. Jghid ukoll: *"And I checked after, it was in June, over internet and I realise that – because I don't know before – the Wachovia Bank was taken over by Wells Fargo and they had a lots of complaints over internet and found of closed accounts"* (*a fol.* 130). Gie ezebit dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "CRL 1" (*a fol.* 137 *et seq.*). Jghid li ma kienx gie nfurmat mill-bank li l-kont bankarju kien inghalaq. Isemmi xi kawza rigward ksur ta' mnieher tal-*partner* tieghu.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li f'Gunju 2011 sar kuntatt ma' Wachovia Bank li qalulu li l-kont bankarju kien inghalaq u li kellu jmur hemm biex jerga' jiftah il-kont bankarju. Meta gie mistoqsi jghid min qed jghid il-verita': jekk hux hu (l-imputat) meta qal li hadd ma nfurmah li c-cekk kien ser jigi depozitat jew inkella Charles Attard li xehed li cempillu diversi drabi biex jiehu l-*cash* u jaghtih ic-cekk, jghid li huwa rcieva diversi telefonati minn ghand Charles Attard u li hu qallu li l-parti leza Buttigieg ma kienitx accettat li tircievi ammonti zghir u huwa (Attard) qabel li huma jhallsu ammonti zghar lilu kull darba li jircievu l-flus. Meta gie rinfaccat bil-fatt illi Charles Attard xehed li kien cempillu u qallu li f'kaz li ma kienx ser jiehu *cash* biex ikopri d-depozitu, huwa kien ser jiddepozita c-cekk u li hu qallu li setgha jaghmel hekk, l-imputat wiegeb: *"I can't told somebody to cash the cheque if I know that I agreed different with him before between Carmen Buttigieg, Charles Attard and Bianca"* (*a fol.* 134). Jghid li hadd miz-zewg diretturi l-ohra ma nfurmah li l-kont bankarju kien inghalaq. Jghid li gie nfurmat bit-telefon li l-kont bankarju kien inghalaq, minn certu John Degott tal-Bank of Wachovia. Ma jafx fuq liema struzzjonijiet ta' min gie maghluq il-kont bankarju. Jghid li ma kienx huwa li ghalaq il-kont bankarju pero dan gie maghluq minn Wachovia Bank innifsu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 89 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata mill-imputat wara li nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat xehed fuq l-istess linji tad-depozizzjoni li huwa ta quddiem il-Qorti. Jghid ukoll: *"I also told him not to give the cheque to the bank because I was not in a position to tell him if I had enough money to cover the cheque. The representative of Frank Salt told us, he will not give the cheque to*

*the Bank and will wait till I give him my go ahead to go and deposit the cheque in a bank. […] In mid December Carmen told me that she gave the cheque to the bank without talking to me about the cheque and few days later she contacted me again and told me that the cheque bounced"* (*a fol.* 90). Jghid li sar jaf li l-kont bankarju gie maghluq mill-Bank meta l-Buttigieg qaltlu li c-cekk bbownsja. Jghid: *"I didn't know that the bank account was closed otherwise I never would offer them a cheque of a closed bank account, a company bank account and not a personal bank account"* (*a fol.* 91).

**Ikkunsidrat**

Illi, fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali jaghmel riferenza, fost l-ohrajn, ghall-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mentri Artikolu 308 jitratta frodi b'ghemil qarrieqi, Artikolu 309 jitratta kazijiet ohra ta' qliegh b'qerq.

Illi biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> "Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]
>
> Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].

Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione*

*mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ccitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi:

"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz *mise-en-scene*".

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fiz-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioé*

*la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente"* (Cassazione Penale Sez. II 3 Ottobre 2006 n. 34179).

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente [...] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volontà sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, imbaghad jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-*"raggiri"* jew l-*"artifzji"* huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioé is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Dicembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta *ossia* twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioé intiza jew preordinata sabiex il-persuna ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jikkoncerna cekk (Dok. "CB 2" – *a fol.* 43) li gie moghti mill-imputat lil Charles Attard ta' Frank Salt bhala depozitu ghal xi hsarat li setghu jigu kkagunati fl-appartament proprjeta' tal-parti leza Carmela Buttigieg. Irrizulta li dan ic-cekk ma

setghax jissarraf peress li l-kont bankarju kien inghalaq fl-4 ta' Novembru 2008 (Dok. "TM 2" – *a fol.* 116 *et seq.*).

Illi l-kawza odjerna giet intavolata kontra zewg imputati: Christian Rudiger Lauffer u Bianca Neurohr Geb. Loffelsender. Fir-rigward tal-imputata Loffelsender, il-Qorti tinnota li hija fl-ebda mument ma kellha xi involviment rigward ir-rilaxx tac-cekk in kwistjoni u li kwalunkwe komunikazzjoni li saret rigward dan ic-cekk saret bejn l-imputat Lauffer, Charles Attard u l-parti leza Buttigieg. Apparti dan u tenut kont tal-kontenut tan-nota pprezentata fl-4 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 95), fejn il-kwerela fil-konfront tal-imputata giet irtirata, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata gie pruvata u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnha.

Fir-rigward tal-imputat Lauffer, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Carmela Buttigieg (*a fol.* 26 *et seq.*) tikkonferma li l-imputat emfasizza biex ic-cekk ma jissarrafx peress li meta kien ser jiftah kont bankarju ma' bank Malta, huwa kellu jigi moghti lura c-cekk u hu jaghtihom l-*cash*.

- Charles Attard in kontro-ezami jghid li kienu huma li qalu lill-imputat biex jaghtihom cekk halli *"ikollna xi haga f'idejna"* (*a fol.* 67). Jghid (*a fol.* 62 *et seq.*) li kien jikkomunika ta' sikwit mal-imputat u li l-imputat kien iwiegbu li kien ser imur dalwaqt bil-*cash*. Jghid li meta ghadda z-zmien, kien qal lill-imputat li c-cekk li kien tahom kien ser ikollhom isarrfuh u li l-imputat qallu li kollox kien sew.

- Kemm Tonio Mallia (*Branch Manager* – HSBC – Qormi – *a fol.* 74 *et seq.*) u kif ukoll Patrick Farrugia (*Senior Officer* – HSBC – *a fol.* 119 *et seq.*) jixhdu li ma kellhom ebda informazjoni dwar min ghalaq il-kont bankarju in kwistjoni u ghalfejn dan inghalaq.

- Christian Rudiger Lauffer (*a fol.* 128 *et seq.*) xehed li gie nfurmat li ma kienx hemm problema li johrog ic-cekk in kwistjoni pero jghid ukoll li kien hemm qbil, kemm minn Charles Attard u kif ukoll mill-parti leza Buttigieg, li qabel ma jigi msarraf ic-cekk isir it-*transfer* tal-flus mill-kont fl-iStati Uniti lil Bank of Valletta. Jghid ma jafx ghala l-kont bankarju nghalaq u li ma kienx gie nfurmat mill-bank li l-kont bankarju kien inghalaq. Jispjega li wara rrizultalu li bank kien ttiehed minn bank iehor u ezebixxa Dok. "CRL 1" (*a fol.* 137 *et seq.*). Jghid li hadd miz-zewg diretturi l-ohra ma nfurmah li l-kont bankarju kien inghalaq.
- Fl-istqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 89 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, l-imputat jghid : *"I also told him not to give the cheque to the bank because I was not in a position to tell him if I had enough money to cover the cheque. The representative of Frank Salt told us, he will not give the cheque to the Bank and will wait till I give him my go ahead to go and deposit the cheque in a bank. […] In*

*mid-December Carmen told me that she gave the cheque to the bank without talking to me about the cheque and few days later she contacted me again and told me that the cheque bounced"* (*a fol.* 90). Jghid li sar jaf li l-kont bankarju kien gie maghluq mill-Bank meta l-parti leza Buttigieg qaltlu li c-cekk bbownsja. Jghid: *"I didn't know that the bank account was closed otherwise I never would offer them a cheque of a closed bank account, a company bank account and not a personal bank account"* (*a fol.* 91).

- Kundizzjoni immarkata bl-ittra "d" fil-ftehim immarkat bhala Dok. "CB 1" (*a fol.* 35) taqra hekk: *"This cheque will be kept by Frank Salt Real Estate until the Lessee opens a bank account here in Malta. Once this is done, the Lessee will exchange this cheque with the payment of two hundred and eighty Euro (€280), which will then be handed over to the Lessor ".*

- Jirrizulta li c-cekk ma nghatax bl-intiza li jigi msarraf pero gie moghti bhala garanzija. Ma jirrizultax li kien hemm xi limitu ta' zmien meta kellu jinfetah dan il-kont bankarju f'Malta. M'hemmx indikat lanqas li c-cekk kellu jigi skambjat b'*cash* f'terminu stipulat. Ma jirrizultax jekk l-imputat fetahx kont bankarju jew le f'Malta.

Illi l-Qorti tinnota li bhala regola generali meta persuna taghti cekk li xi hadd iehor, il-persuna li taghti c-cekk ghandha taghmel dan bil-ghan li c-cekk ikun jista' jigi msarraf minghajr l-ebda xkiel u li f'kaz li persuna ma taghmilx hekk tista' tispicca f'inkwiet mal-gustizzja, bhal kaz odjern. Minkejja dan, tenut kont tal-elementi li jikkosistwixxu r-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u tenut kont ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni li jaghmel att ta' frodi fil-konfront ta' xi hadd. Ma jirrizultax lanqas li l-imputat kellu intenzjoni li jaghmel xi qliegh. Ma jirrizultax mill-provi li kien l-imputat li kien ta xi ordni biex il-kont bankarju jinghalaq u ma jirrizultax anqas li huwa kien jaf li effettivament dan il-kont kien inghalaq. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx liz-zewg imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u b'hekk tilliberahom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------